

## II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

## DEĊIJONIJIET

## IL-KUNSILL

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

(2009/974/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negożjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.
- (2) Il-Kummissjoni nnegożjat, fisem il-Komunità, Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") konformément mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negożjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat fisem il-Komunità fit-3 ta' April 2009 suġġett għall-konklużjoni tiegħu fdata aktar tard.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Mongolja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 7 tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

B. ASK

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-15 ta' Settembru 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).